TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/302/10/S

Norman Darmanin
Vs
Allied Newspapers Limited

Illum 12 ta'Dicembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Norman Darmanin datata 23 u 25 ta'Lulju,2010 u r-risposta tas-socjeta Allied Newspapers Limited datata 10 ta'Settembru,2010;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, lir-rapprezentanti taghhom inkluz lill-espert *ex parte* u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fid-19 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija 'second-hand', li skont l-attur wara madwar 10 xhur minn mindu xtraha, zviluppat hsara fit-'transmission' taghha bil-konsegwenza li kellhom jinbidlu diversi partijiet u cioe l-'clutch', il-'pressure plate', il-'main bearing' u d-'dual mass flywheel';

Illi jinghad mal-ewwel li t-talba ta' Norman Darmanin hija ghal riduzzjoni fil-prezz ghax skont hu, kieku kien jaf qabel ix-xiri li kien hemm deterjorazzjoni avvanzata ta' diversi partijiet, kien joffri prezz inqas ghall-imsemmija vettura;[1]

Illi ghalhekk Norman Darmanin irid jipprova li ma setax jinduna b'din l-allegata deterjorazzjoni;

Illi l-attur xehed illi l-vettura qabel inxtrat, hadha ghand Gasan u ghand 'sprayer' tal-fiducja tieghu fejn giet ezaminata pero skont hu, dawn ma setghux jindunaw bil-problemi mohbija ta' "wear and tear";

[1] A fol 10 tal-atti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi partikolarment fil-kaz ta' xiri ta' vetturi 'second-hand', hija responsabilita ta' min jixtri li jiehu persuni kompetenti biex jezaminaw kull aspett tal-vettura;

Illi mix-xhieda stess tal-attur jidher li dan sar izda ma jidhirx li l-imsemmija vettura instaqet u li giet ezaminata fid-dettall;

Illi fil-kaz odjern dwar vettura 'second hand', hemm gradwazzjoni wiesa' fil-kwalita kif stabbilit fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta'Lulju,1991 fl-ismijiet **"Attard vs Mifsud"**;

Illi ssir ukoll riferenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-8 t'Ottubru,2004 fl-ismijiet **"Robert Lia vs Burmarrad Commercials Limited et"** Citaz.nru.214/00GV) fejn inghad li *"...l-azzjoni ex contractu taht l-artikolu 1390 tiddefendi lill-kompratur ghall-inosservanza tal-obbligi kontrattwali kontra l-konsenja ta' oggett divers fil-kwalita' minn dik promessa lilu. L-azzjoni redibitorja tipprotegih kontra l-obbligu accessorju tal-venditur li jikkonsenjna l-oggett minghajr difetti. Ghalkemm l-azzjoni ex contractu u l-azzjoni redibitorja ghandhom l-istess fondament razzjonali, l-azzjoni ex contractu hija esperibbli biss meta l-haga konsenjata tkun sostanzjalment diversa minn dik kuntrattata, meta l-kwalita' ta' l-oggett konsenjat tkun diversa minn dika tal-oggett mibjugh b'mod li ma tkunx tikkorrispondi ghall-generu tal-oggett kuntrattat u hekk il-konsenja tkun konsenja ta' "aliud pro alio"* **( App "Dalli vs Patiniott" moghtija fid-19 ta'Mejju,2000; Vol XL1B pl p 341 "Portelli vs Grima" moghtija fis-27 ta'Mejju,1957.)**;

Illi mill-atti ma hemmx prova li l-vettura mixtrija mill-attur kienet ta' kwalita differenti minn dik pattwita mas-socjeta konvenuta;

Illi kien biss wara x-xiri tal-vettura li l-attur sab li kellhom jinbidlu l-partijiet fuq imsemmija tal-istess vettura;

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni dwar difetti latenti fil-vettura mixtrija, l-attur allega li ma setax jinduna b'dawn;

Illi jigi kkwotat ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta'Lulju,1991 fl-ismijiet **"Attard vs Mifsud"** fejn inghad li :

*"Hu minnu li l-Kodici Civili ma jiddistingwix bejn jekk l-oggett mibjugh hux wiehed gdid, sekonda mano, qadim jew xort'ohra. Ghall-ligi l-kundizzjoni tal-oggett invendita, mhux rilevanti, imma biss fis-sens li kull oggett mibjugh igorr mieghu bhala kundizzjoni tal-kuntratt ta' comprovendita l-garanzija tal-ligi kontra d-difett mohbi. L-istitut tal-Kodici Civili dwar dan, pero', ghandu jinqara u jigi interpretat b'mod logiku li jirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li certament ma kellu l-ebda hsieb li jaghti lil min jixtri oggett mhux gdid, l-istess garanzija li hu intitolat ghaliha min jixtri oggett gdid. Ir-ratio legis hu, li jigi adegwatament protett il-kompratur kontra difetti mohbija fl-oggett li jkun xtara. Hu ovvju li jekk l-oggett ikun gdid il-venditur irid jiggarantixxi kontra kull difett mohbi, ghax hu car li l-kompratur tal-gdid ikun qed ihallas u ghandu dritt jezigi li dak li xtara ma jkunx affett minn ebda vizzju. Mill banda l-ohra fil-bejgh ta' oggett sekonda mano, ikun ovvjuwkoll li l-oggett tal-kuntratt mhux aktar wiehed gdid, imam wiehed uzat. F'dan il-kaz il-garanzija tibda tapplika biss wara li jittiehed kont tal-kondizzjoni li l-oggett in vendita kien mistenni li jkun fiha bhala oggett uzat, tenut kont tal-'wear and tear', zmien, uzu u cirkostanzi ohra li jkunu ikkondizzjonaw l-prezz miftiehem.*

*Il-kompratur ghalhekk ma hux intitolat jinvoka l-eccezzjoni tad-difett mohbi jekk xtara oggett sekonda mano meta d-difett li jkun jilmenta minnu, hu rizultat dirett tal-uzu li sar mill-oggett minnu akkwistat, minn mindu kien gdid sakemm sar il-bejgh. Id-difett lamentat irid ikun wiehed ta'certa gravita', cioe jehtieg li d-difett ikun ta' certa gravita' relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha"* (ara Appell fl-ismijiet **"Scicluna vs Azzopardi"** deciza fit-22 ta'Gunju,1959 u Prim'Awla fl-ismijiet **"Dimech vs Earle"** deciza fl-10 ta'Dicembru,1993);

Illi ghalhekk jigi kkonfermat li mhux kull tiswija f'vettura 'second hand' tista' tigi deskritta bhala difett u fil-kaz in ezami, kien rizultat ta' "wear and tear" u mhux xi difett mekkaniku;

TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi jerga' jinghad li l-attur seta' facilment jiehu l-vettura ghand persuna kwalifikata biex jezaminaha u konsegwentement jaghti parir dwar ix-xiri jew le tal-istess;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Allied Newspapers Limited u Jichad it-talba ta' Norman Darmanin, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Norman Darmanin.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888